


Germanja, Inċiżjoni ta' San Pietru u San Pawl bis-Sudarium.
(Seklu XVI)

# SAN PIETRU U SAN PAWL
# IL-KULT

*Stanley Portelli*

**Il-Kult**

Il-kult lill-qaddisin huwa parti mit-tradizzjoni u t-twemmin Kattoliku. San Bernard Abbati, f'Sermo 2 jikteb li: "Lilna jaqbel, u mhux lilhom, jekk inqimu t-tifkira tagħhom (jiġifieri tal-qaddisin)". "Il-qima lill-qaddisin...", ikompli San Bernard, "...tqanqal fina żewġ xewqat; L-ewwel nett li nissieħbu għal dejjem magħhom fl-hena tant mixtieqa minna, u t-tieni, li kif Kristu, li hu l-ħajja tagħna, deher lilhom, hekk jidher lilna biex aħna wkoll nidhru flimkien miegħu fil-glorja." L-Insara jħarsu lejn nies li għexu l-Vanġelu qabilhom, biex jieħdu minnhom l-eżempju u l-konfort fejn hu meħtieġ.

Il-venerazzjoni pubblika tal-qaddisin fil-Kristjaniżmu tmur lura lejn it-tieni seklu W.K.. Din il-qima kienet marbuta mal-oqbra tal-martri. L-Insara, imqanqla mill-eżempju tal-martri, ħassewhom ċerti li dawn it-talin li xerrdu demmhom għall-fidi kienu qed igawdu lil Alla fil-ġenna, u minn fejn huma setgħu jinterċedu għalihom.

Hemm min ra fil-kult tal-qaddisin derivazzjoni tal-qima lill-allat. Minkejja li dan ma jistax ikun minnu, għax il-kunċett huwa differenti, jibqa' l-fatt li l-Insara ssellfu xi użanzi tal-pagani u kkristjanizzawhom. Fost dawn hemm is-santwarji, iċ-ċelebrazzjoni tal-anniversarji, u l-ikonografija. Il-Kristjaniżmu, li twieled fil-Ġudaiżmu, ħa wkoll elementi minn din ir-reliġjon. Anke l-Lhud kellhom il-martri tagħhom. Fl-Iskrittura nsibu referenza għall-interċessjoni f'viżjoni li ra Ġuda l-Makkabew; "Din kienet id-dehra li kellu: Onijas, li qabel kien il-qassis il-kbir raġel twajjeb u mweġġaħ, irżin fil-bixra, dħuli fl-imġiba u merfugħ fi kliemu, imħarreġ sa minn tfulitu f'kull drawwa tajba, b'idejh miftuħa kien jitlob għax-xirka kollha tal-Lhud." (2 Mak 12:12) Fid-dinja Ġudajka hemm xejn inqas minn ħamsin santwarju, marbuta ħafna drabi ma' profeti ppersegwitati u martri Lhud. L-ewwel Insara kienu jqimu wkoll lil dawn il-qaddisin Lhud.[1]

Ir-rakkont tal-martirju ta' San Polikarpu huwa x'aktarx l-eqdem rakkont marbut ma' dan il-kult tal-martri. Dan l-Isqof ġie maqtul fi Żmirna lejn is-sena 156 W.K.. Fir-rakkont hemm imniżżel kif l-Insara ġabru b'qima l-fdalijiet tiegħu li għalihom kienu prezzjużi aktar mid-deheb, u ġabruhom f'post biex fl-anniversarju tal-martirju tiegħu jinġabru hemm u jfakkruh kif jixraq. Din il-laqgħa tal-miġemgħa kienet x'aktarx tikkonsisti fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Din id-drawwa nibtet u ssaħħet kull fejn kien hemm il-martri.

Matul ir-IV seklu l-kult tal-martri xtered sew u bil-mod bdew jiġu meqjuma l-Konfessuri u l-Verġni. Il-ħajja axxetika fid-deżert bdiet titqies bħala forma ta' martirju. Nibet ukoll il-kult lejn xi isqfijiet li xandru l-Kelma b'żelu kbir. Fil-Lvant nibet il-kult ta' Sant'Anton Abbati u San Atanasju, u fil-punent il-kult ta' Santu Wistin u San Martin ta' Tours. Il-kult ta'



Sarkofagu tal-ewwel sekli w.K. fil-Kripta tal-Knisja ta' San Giovanni in Valle Verona. Fin-nofs tidher ix-xbieha ta' Kristu Rxoxt jibgħat lil San Pietru u San Pawl għall-missjoni tagħhom.



San Pawl, Sant'Indrija, u San Pietru, Ikona Biżantina fil-Monasteru tas-Sinaj Seklu XIII-XIV.

dawn il-qaddisin beda fil-post fejn kien hemm il-qabar tagħhom. Biż-żmien dawk l-Insara li kienu jmutu b'riħa ta' qdusija kienu jiġu meqjuma bħala qaddisin mill-poplu. Normalment kien hemm marbut ma' dan il-kult il-mirakli. Il-Knisja ħasset li kellha tikkontrolla dan kollu u kien hekk li twieled il-proċess li għandna llum, il-kanonizzazzjoni[2].

Fit-tagħlim tagħha, l-Knisja Kattolika titkellem mit-tliet stati tal-knisja; dik tal-art, tal-purgatorju, u tal-ġenna. "Iżda lkoll kemm aħna, fi gradi diversi u taħt suriet diversi, aħna magħqudin flimkien fl-istess imħabba għal Alla u għal għajrna, inlissnu lkoll l-istess innu ta' glorja lil Alla tagħna. Dawk kollha li huma ta' Kristu u għandhom l-Ispirtu tiegħu jagħmlu Knisja waħda u jqisu lil xulxin li huma lkoll ħaġa waħda fi Kristu." (Konċ. Vatikan II, *Lumen gentium*, 49.)

L-ikonografija wkoll tifforma parti mill-wirt Nisrani. Lill-Madonna u lill-Qaddisin ħafna drabi nirrappreżentawhom b'ċerta mod, b'uniformità. Il-Madonna hija rappreżentata b'libsa bajda jew ħamra b'velu ċelesti u bi tnax-il kewba madwar rasha. Lil San Ġużepp inġibuh iħaddan lill-Bambin. San Ġorġ huwa rappreżentat bħala suldat joqtol id-dragun, simbolu tal-ħażen. Lil San Koronatu libbisnieh ta' suldat, simbolu ta' qlubija bħala martri. Il-Knisja Kattolika għandha rwol importanti, jekk mhux indispensabbli fl-iżvilupp tal-arti kif nafuha illum. Meta jiġi studjat il-kult tal-qaddisin, l-ikonografija tilgħab parti importanti. Il-Papa qaddis, Ġwanni Pawlu II kiteb fuq dan is-suġġett fl-ittra Appostolika *Duodecimum Saeculum*, fl-4 ta' Diċembru 1987, fl-



Francois Perrier (1590-1650), it-tislima ta' San Pietru u San Pawl (1647-50).



L-Appostli San Pietru u San Pawl mal-Madonna flimkien ma' binha Ġesu` - ċa. 1474.
Antoniazzo Romano (ċa. 1435 – 1510), Knisja ta' San Pietru, Fondi, Italja.

okkażjoni tat-tnax-il ċentinarju mill-Konċilju ta' Niċea. Dan kien Konċilju importanti li fih fost l-oħrajn il-Knisja ddefendiet il-kult tal-qaddisin u l-ikonografija. Imma, kif ifakkar il-Papa, l-arti Kristjana għandha tkun ispirata mill-fidi. L-arti li tirreferi għaliha nfisha jew sempliċiment għall-awtur tagħha, ma tistax tissejjaħ arti sagra.

### San Pietru u San Pawl

Il-kult Petrin u Pawlin huwa mifrux sew fil-Knisja Kattolika u jmur lura sal-ewwel sekli tal-knisja. Biżżejjed nirreferi għal żewġ omeliji ta' żewġ qaddisin oħra, Santu Wistin u San Iljun il-Kbir, dwar dawn l-Appostli.

Santu Wistin jikteb dwar is-Solennità tad-29 ta' Ġunju; "Illum għalina hu jum imqaddes bil-martirju tal-Appostli Pietru u Pawlu. M'aħniex insemmu martri li ma jafhom ħadd. 'Mal-art kollha jasal leħinhom, mad-dinja kollha jixtered kliemhom'. Dawn il-martri raw dak li xandru, imxew wara s-sewwa, stqarrew il-verità, u mietu għall-verità". (Sermo 295: 1-2.4.7-8)

Il-Papa San Iljun il-Kbir ukoll ħeġġeġ għall-qima ta' dawn l-Appostli; "X'kotra kbira ta' frott ġbarna bis-saħħa ta' San Pietru u San Pawl, iż-żewġ xitliet mill-isbaħ li kibru miż-żerriegħa ta' Alla! Ħa jagħtu xhieda ta' dan il-frott l-eluf ta' qaddisin martri mħeġġa għar-rebħiet tal-Appostli, li b'demmhom ħammru l-popli mad-dawra kollha tad-dinja, b'Ruma fin-nofs, qishom ħafna ġawhriet prezzjużi minsuġin bejniethom f'kuruna waħda fuq ir-ras ta' din il-belt tagħna." (Sermo 82 in natali Apostolorum Petri et Pauli; 1;6-7)

### Jibqgħu jiddu b'kull ġieħ fin-Nadur...

Il-parroċċa mwaqqfa fl-1688 fuq il-għolja 'Ta' Nadur', tpoġġiet taħt il-ħarsien ta' dawn iż-żewġ Appostli. F'Malta u Għawdex kienet u baqgħet l-unika parroċċa ddedikata lil San Pietru u San Pawl flimkien. Għaliex u kif intgħażlu San Pietru u San Pawl bħala patruni ta' din il-parroċċa ġdida huwa misteru. Ma jidhirx li kien hawn xi kult lejhom fin-Nadur qabel it-twaqqif tal-parroċċa. Fil-kitba tal-istorja jissemmew diversi kappelli li kienu weqfin fin-Nadur matul iż-żmien. Bonnici jirreferi għall-Kappella ta' San Blas fix-xtajta ta' San Blas, ta' Sant'Anton Abbati maġenb ir-raba' ta' Għajn Qasab, San Filep qrib Daħlet Qorrot, San Nikola f'Wied Binġemma, San Pankrazju n-naħa tar-Ramla, u San Ġwann Battista lejn Ta' Ħida[3]. Dawn il-kappelli jagħtu ħjiel tal-istorja tal-kult Nisrani fin-naħa tal-Lvant tal-gżira Għawdxija. Li hu żgur hu li meta n-Nadur twaqqaf parroċċa, l-ebda waħda minn dawn il-kappelli ma' kienet eżistenti. L-aħħar kappella li ġiet profanata hija dik ta' San Ġwann Battista wara l-vista pastorali ta' Balaguer nhar l-24 ta' Mejju 1657.[4]


Peter Widerin (1684-1760), it-tislima ta' San Pietru u San Pawl (1733). Din l-iskultura hija t-titular tal-Knisja tal-Abbazija ta' San Pietru u San Pawl f'Melk, l-Awstrija.



Mattia Preti (1633-1699), it-tislima ta' San Pietru u San Pawl. Din hi waħda miż-żewġ lunetti li nsibu fil-Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta. Hemm xebh kbir bejn din il-pittura u t-titular tal-Bażilika tan-Nadur.

San Pietru u San Pawl jissemmew għall-ewwel darba bħala patruni tan-Nadur, fil-Viżta Pastorali tal-1699. Fis-26 ta' Ottubru, l-isqof Cocco Palmieri għamel vista pastorali. F'din il-viżta li saret għaxar snin wara t-twaqqif tal-parroċċa nsibu mniżżel li l-knisja parrokkjali kienet għadha qed tinbena u li hija ddedikata lill-Appostli Mqaddsa San Pietru u San Pawl[5].

## L-Inkwatru Titulari tal-knisja l-ġdida

Ma nafux eżatt meta tpitter l-inkwatru titulari li hemm fil-knisja llum. Mid-deskrizzjoni li saret fil-viżta pastorali tal-1716 jidher ċar li kien hemm diġà t-titular li għadna ngawdu sal-lum. L-Isqof Canaves, fil-viżta pastorali jiddeskrivi t-titular bħala rappreżentazzjoni ta' San Pietru u San Pawl qed jittieħdu għall-martirju.[6] Għal ħafna snin kien hemm l-għajdut li dan hu xogħol tal-Kalabriż Mattia Preti. Din il-pittura għandha xebh straordinarju ma' pittura tal-Preti fil-knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta[7]. Difatti jingħad ukoll li wiċċ il-manigold ta' ħdejn San Pawl huwa awtoritratt tal-artist, u wiċċ il-manigold l-ieħor huwa ta' Cianferli, l-ilsir ikkonvertit tal-Preti. Madanakollu, meta fl-1971 Dr Debono talab opinjoni dwar dan mill-kuraturi tal-*British Museum* f'Londra minn xi ritratti li bagħat, ir-risposta kienet fin-negattiv. L-istess kuraturi madankollu kitbu li l-artist li pitter it-titular kien milqut sew mill-Kalabriż. [8]

Skont Bonnici, l-knisja parrokkjali bdiet tintuża lejn l-1708[9]. Fil-viżta pastorali tal-1716 insibu d-deskrizzjoni tat-titular. Dan ifisser li tmien snin biss wara li bdiet tintuża l-knisja l-ġdida, t-titular kien diġà sab postu f'dan l-imkien. Dan jista' jindika li meta l-knisja kienet għadha qed tinbena, in-Nadurin kienu diġà ħasbu għal titular ġdid li jirrappreżenta lil San Pietru u San Pawl. It-titular il-ġdid kien l-ewwel u l-uniku titular li jirrappreżenta lil San Pietru u San Pawl flimkien. Dan kien mument deċiżiv fl-istorja tal-kult ta' San Pietru u San Pawl fil-gżejjer tagħna.

Il-qima lejn San Pietru u San Pawl fin-Nadur taf il-bidu tagħha lejn l-aħħar tas-seklu XVII. Il-wasla ta' dan it-titular jimmarka bħal epoka ġdida fl-istorja tan-Nadur. Issa l-parroċċa kienet twaqqfet u l-knsija nbniet. Sa dan iż-żmien, in-Nadur kien għolja b'popolazzjoni ċkejkna, x'aktarx ta' nies li kienu jgħixu mir-raba' jew mis-sajd. Minn wita b'xi rziezet iżolati, in-Nadur beda jieħu sura ta' raħal li beda jinbena bil-mod madwar il-knisja.

Il-patruni fl-irħula saru element ta' identità tal-parroċċi fil-gżejjer tagħna. Ħafna mill-parruċċani kienu jingħataw l-ismijiet tal-qaddisin patruni. Il-poplu kien jgħix ħajja sempliċi u fqira, u kien biss permezz tal-knisja li seta' jammira biċċa xogħol artistika li kienet bħal tieqa ċkejkna fuq dak li kien qed iseħħ fl-Ewropa. L-arti fil-knejjes kienet punt ta' komunikazzjoni, li minkejja li kien iżolat u fraġli, kien l-uniku wieħed. Il-poplu ma kellux b'xiex jiddandan u jixxala. Bil-ftit mingħand il-ħafna kien joħloq dan il-post sabiħ biex fih jiltaqa' u jqim lil Alla.

## Santa Marija tan-Nadur

Fost l-anzjani tagħna għadek sal-lum tisma' lil min jgħid li l-parroċċa tan-Nadur kienet iddedikata lill-Madonna u kien biss wara li San Pietru u San Pawl ntgħażlu bħala patruni[10]. Fl-1698, l-ewwel kappillan tal-parroċċa l-ġdida, Dun Bernard Haber jissejjaħ f'dokument uffiċjali bħala "Kappillan tal-Knisja tal-Verġni Mbierka tan-Nadur[11]."



Il-Kappella ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ, il-Gudja Malta.

Bonnici jikteb li daħ seta' sar minħabba li l-inkwatru li kien qed iservi ta' titular fis-sagristija tal-knisja li kienet għadha qed tinbena, u li kienet qed taqdi l-ħtiġijiet pastorali tan-Nadurin, kien iġib lill-Madonna fin-nofs u San Pietru u San Pawl fuq kull naħa.[12] Bonnici jgħid li minħabba dan il-fatt, l-Isqof stess seta' jqis lill-Madonna bħala patruna tal-parroċċa.[13] Hemm min ħaseb li l-inkwatru tal-Madonna tas-Silġ, li jinsab fis-sagristija tal-Bażilika, serva bħala ewwel titular. Caruana, jgħid hekk fuq dan l-Inkwatru:

*"Fil-knisja tal-lum, fis-sala Kapitulari jinsab inkwatru antik jgħidulu tal-'Madonna tas-Silġ'. Billi dan l-inkwatru hu antik x'uħud min-Nadur għandhom l-idea li t-titular tal-knisja iż-żgħira kien tal-Madonna tas-Silġ. Imma dan hu żball u għandna provi żguri, għax jidher biċ-ċar mid-digriet tal-Isqof Cocco Palimieri, jiġifieri minn dak l-Isqof li qata' l-parroċċa tan-Nadur. Meta dan l-Isqof mid-digriet tiegħu qata' l-parroċċa tan-Nadur, fl-istess ħin ikkmanda li tinbena knisja fil-misraħ tan-Nadur u semma wkoll x'kellu jkun it-titular ta' din il-Knisja li kellha tinbena; 'li kellha tkun knisja parrokkjali taħt it-titular tal-Prinċpijiet tal-Appostli San Pietru u San Pawl".*[14]

Ma jidhirx li fid-dokument li bih in-Nadur inqata' parroċċa hemm xi referenza għall-patruni San Pietru u San Pawl. Jidher però, li l-ewwel inkwatru li ntuża bħala titular kien inkwatru li jirrappreżenta lill-Madonna u San Pietru u San Pawl fuq kull naħa. Inkwatru li jista' jagħtina ħjiel tal-ewwel titular fin-Nadur huwa dak li nsibu fil-kappella ta' Bir Miftuħ fil-Gudja, Malta. It-titular ta' din il-kappella jirrappreżenta lill-Madonna bil-Bambin, u fuq kull naħa San Pietru u San Pawl. Ma' dan hemm miżjuda wkoll ir-raffigurazzjoni tat-Trinità Imqaddsa. Dan huwa inkwatru li ġie attribwit lil Timideo della Vita. Kritiċi oħrajn jgħidu li huwa xogħol magħmul fl-aħħar nofs tas-seklu XVI. Din il-kappella llum tinsab fil-limiti tal-parroċċa tal-Gudja, u oriġinarjament kienet isservi ta' parroċċa, magħrufa diġà mill-Isqof Senatore de Mello fl-1436. Il-kappella għandha stil Sikulo-Norman.[15] Fl-1615, l-Isqof Cagliares żar din il-knisja u jsemmi fost l-oħrajn l-inkwatru titulari tal-Assunta, flimkien ma' San Pietru u San Pawl[16]. Il-Knisja madankollu, baqgħet dejjem magħrufa bħala Santa Marija ta' Bir Miftuħ.[17]

Hawn nistgħu niġbdu xi konklużjonijiet. Fid-dokument tal-erezzjoni tal-parroċċa m'hemm l-ebda referenza għall-fatt li l-parroċċa l-ġdida kellha titpoġġa taħt il-ħarsien ta' San Pietru u San Pawl. L-ewwel pittura li serviet ta' titular hija pittura li fiha kien hemm San Pietru u San Pawl. Huwa veru li fin-nofs kien hemm xbieha tal-Madonna. Min-

naħa l-oħra, wieħed irid jiftakar li dan kien inkwatru proviżorju. Fi żmien ta' riżorsi limitati u waqt li kienet qed tinbena knisja ġdida, titular speċifiku kien ikun kapriċċ. Meta mbagħad kif rajna tlestiet il-knisja, tpoġġa titular imdaqqas li juri lil San Pietru u San Pawl. Il-viżta pastorali tal-1699 diġà tindika li l-knisja li kienet għadha qed tinbena kellha tkun iddedikata lil San Pietru u San Pawl. Jibqa' fatt li t-twelid tal-parroċċa tan-Nadur wassal għat-twelid tal-kult ta' San Pietru u San Pawl fi gżiritna. Forsi l-wieħed wasal xi ftit qabel l-ieħor, imma żgur li mal-mixja tas-snin, it-tnejn kibru u xxebilku f'xulxin b'tali mod li llum, fuq 300 sena wara, ma tistax timmaġina l-waħda mingħajr l-oħra, lin-Nadur mingħajr il-qima lejn San Pietru u San Pawl.

**Kult tardiv**

Nafu li l-kult ta' San Pietru u San Pawl jaf il-bidu tiegħu f'Ruma, fejn ħadu l-martirju. L-qima lejn il-martri kienet marbuta mal-oqbra tagħhom. Ruma kienet il-belt tal-Imperu, iċ-ċentru tad-dinja Latina. Nafu mill-istorja li biż-żmien dan l-imperu vast inqasam fi tnejn. Fil-punent Ruma baqgħet ċ-ċentru, u hawn żviluppat il-knisja Latina. Fil-Lvant insibu l-belt ta' Kostantinopli, Istanbul tal-lum. Din il-qasma fl-Imperu, tal-Lvant u tal-Punent, wasslet biex fl-1054 saret ix-xiżma l-kbira, hekk li l-Kristjaniżmu nqasam fi tnejn. Il-Knisja tal-punent baqgħet iċċentrata fuq Ruma. Fil-Lvant minkejja li Kostantinopli tokkupa importanza speċjali, ma nistgħux ngħidu li għandha l-post li akkwistat Ruma fil-punent.

L-Isqof ta' Ruma kien jenfasizza li huwa suċċessur ta' San Pietru u li wiret l-awtorità ta' San Pietru u San Pawl. Meta fis-sena 544 W.K. Ruma kienet ikkontrollata mill-Biżantini u f'periklu li taqa' taħt il-Goti, Papa Viġilju (537-555) stieden lill-oratur Arator biex bil-ħila poetika tiegħu jqanqal sens ta' patrijottiżmu fil-belt għal reżistenza. Din il-poeżija kien jisimha *L-Atti tal-Appostli* "De Actibus Apostolorum", u kienet titkellem proprju minn San Pietru u San Pawl. L-enfasi kienet fuq il-primat ta' Pietru. Hekk il-Papa ried ifakkar li huwa s-suċċessur ta' Pietru u allura għandu l-primat, anke fuq Kostantinopli. Dan l-eżempju ċkejken ikompli jixhed għall-fatt li l-kult ta' San Pietru u San Pawl ħa sinifikat kważi politiku. Dawn l-Appostli bdew jissimbolizzaw lil Ruma u lill-Papa.

Mis-sena 533 W.K. Malta kienet maħkuma mill-Biżantini bħala parti minn Sqallija. L-attività Biżantina f'pajjiżna kienet marbuta mall-portijiet, bħal tas-Silġ Malta, ix-Xlendi f'Għawdex, u ċentri urbani, bħaċ-Ċittadella t'Għawdex.[18] Mis-sena 871 W.K. sal-1248 W.K. kien hawn preżenza tal-Għarab f'Malta. Hemm dibattitu sħiħ dwar il-preżenza tal-Kristjaniżmu fil-gżejjer Maltin f'dawn is-snin iżda mhux fl-interess tagħna li nidħlu f'dawn l-argumenti. Li jinteressana hu li mill-1091, il-wasla tan-Normanni, il-Kristjaniżmu qabad it-triq biex isir mill-ġdid ir-reliġjon tal-poplu. Kien fl-1248 meta l-Għarab tkeċċew għal kollox minn pajjiżna[19].

Ladarba Malta kienet taħt l-influwenza tal-knisja Biżantina, huwa ovvju li din il-qima lejn San Pietru u San Pawl ma kinitx tant preżenti. F'Malta għandna tradizzjoni qawwija marbuta mal-miġja ta' San Pawl. F'din l-istess poeżija, Arator isemmi din il-ġrajja u jirreferi għal Malta bħala *statio*, jew port fejn jistkennu l-vapuri. Madankollu, l-ewwel evidenza ta' kult lejn San Pawl f'Malta jmur lura lejn l-aħħar taż-Żmien Nofsani. Id-dedikazzjoni tal-katidral ta' San Pawl fl-Imdina saret fis-sena 1299.[20] Sa meta wasal l-Ordni ta' San Ġwann, il-kult Pawlin kien diġà stabbilit f'Malta. Is-segretarju tal-Gran Mastru Philip Villiers de l'Isle Adam kiteb fl-1536 li l-Maltin kienu jemmnu b'ċertezza kbira li San Pawl għadda Malta fi triqtu lejn Ruma.[21]

L-istudju tal-kult lejn San Pietru u San Pawl huwa ħjiel tal-mixja tal-knisja u l-istorja f'pajjiżna, li minn



Il-Ħabs ta' Mamertinum f'Ruma fejn skont it-tradizzjoni San Pietru u San Pawl kienu arrestati qabel il-martirju tagħhom. It-titular tal-Bażilika tan-Nadur jirrappreżenta l-aħħar tislima ta' Pietru u Pawlu qabel il-martirju f'dan il-post.

Knisja Biżantina saret Knisja Latina. Dan huwa l-proċess ta' latinizzazzjoni, jiġifieri l-proċess li permezz tiegħu Malta bdiet toqrob mill-ġdid lejn l-Ewropa tal-Punent, wara sekli sħaħ ta' influwenza Biżantina u Musulmana. Dan kollu jista' jkun raġuni għall-fatt li l-kult ta' San Pietru u San Pawl, li huwa kult Latin, huwa aktar reċenti f'pajjiżna. Meta fl-1688 twaqqfu parroċċi n-Nadur, ix-Xagħra, iż-Żebbuġ, u Sannat, naraw li fin-Nadur l-unika kappella li setgħet taqdi l-ħtiġijiet pastorali sakemm tinbena l-knisja parrokkjali kienet dik ta' Santa Marija tal-Qala. Fix-Xagħra kien hemm il-kappella ta' San Anton Abbati. F'Sannat insibu l-kappella ta' Santa Margerita, u fiż-Żebbuġ Santa Marija. Fl-erba' każijiet niltaqgħu ma' kult li fil-knisja tal-Lvant huwa importanti ħafna.

**Il-Kult ta' San Pietru u San Pawl fil-Lvant**

Ma' dan irridu nżommu quddiem għajnejna l-elementi tal-kult ta' San Pietru u San Pawl fil-Lvant. Il-kult Petrin u Pawlin mhuwiex preżenti fil-Knisja tal-Lvant daqs kemm huwa f'dik tal-Punent. Is-Sirja, Ċipru, it-Turkija, u l-Greċja flimkien ma' Rodi u Kreta, huma postijiet li San Pawl żar u għallem fihom. Minkejja dan, il-kult Pawlin f'dawn l-inħawi huwa wieħed fqir. Fil-Knisja Biżantina, l-aktar qaddisin importanti huma San Ġorġ u warajh San Dimitri[22]. F'Tarsu, il-belt li fiha twieled San Pawl, hemm biss bir li jġib l-isem ta' dan il-qaddis, u f'Ġerusalemm hemm biċċa minn tarag li kien jgħaqqad it-tempju mal-fortizza Antonja. Waħda mir-raġunijiet għal dan huwa l-fatt li dawn il-knejjes aktar intrabtu mat-tradizzjoni ta' San Ġakbu l-Appostlu. Irridu nżommu wkoll f'moħħna li San Pawl kien dak li fetaħ il-bibien għall-pagani, ħaġa li ma tantx niżlet tajjeb mal-Lhud.

Jekk naqbdu dan l-eżempju u napplikawh għal Għawdex naraw li fl-Għarb hemm kappella iddedikata lil San Dimitri u fil-Belt Victoria nsibu l-Bażilika ta' San Ġorġ. De Soldanis kiteb li l-Kappella ta' San Dimitri kienet profanata fl-1657[23]. Dan ifisser li l-kappella hija qadima ħafna aktar minn hekk. Illum din il-kappella għadha teżisti fl-Għarb u magħha hemm marbuta l-leġġenda ħewla ta' Żgugina. Fil-każ ta' San Ġorġ, fil-viżta pastorali ta' de Bussan (1684-1757), fl-1744 kiteb li hija waħda mill-ewwel parroċċi tal-gżejjer Maltin.[24] Dawn huma żewġ eżempji li jixhdu kemm il-liturġija Biżantina kellha għeruq f'pajjiżna. B'dawn il-fatti nifhmu aħjar għaliex il-kult ta' San Pietru u San Pawl, li huwa tant ċentrali fil-Knisja Latina, huwa aktar reċenti f'pajjiżna.

**Konklużjoni**

Għal xi wħud seta' jagħmel aktar sens li analiżi bħal din tibda mill-ġrajja tal-oqbra ta' San Pietru u San Pawl fil-belt ta' Ruma. Wara kollox kien f'Ruma li beda jingħata dan il-ġieħ lill-Appostli tagħna Pietru u Pawlu. Jien għażilt li nitlaq mill-kult tal-Appostli Pietru u Pawlu fin-Nadur li, bħal Ruma ċkejkna, niseġ l-istorja tiegħu mal-kult tal-Appostli. Nirringrazzja lil Daniel Meilak li kkoreġa dan l-artiklu minn fatti storiċi u li għoġbu jaqsam miegħi informazzjoni li jiltaqa' magħha fir-riċerka storika tiegħu. Nittama li dawn il-ftit kelmiet iqanqlu interess fil-qarrejja u apprezzament għal dak li missirijietna wettqu fi żmien aktar diffiċli.

© Stanley Portelli LL.B. • 2014.

Referenzi:

1 *Oxford Dictionary of Saints* (Fourth edition), introduction x.

2 Ibid. xii.

3 Alexander Bonnici, *In-Nadur Vol. I* (Malta 1984) 83.

4 Ibid 91.

5 AAM, Visit., 27, f. 406r.

6 Alexander Bonnici, *In-Nadur Vol. I* (Malta 1984) 177

7 Il-Kappella ta' San Pietru f'din il-knisja, hija teżor ċkejken tal-Preti. It-titular jirrappreżenta lil San Pietru jinħeles mill-ħabs. Fil-lunetti mbagħad nsibu żewġ pitturi oħra tal-Preti, il-martirju ta' San Pietru, u San Pietru u San Pawl fi triqithom għall-martirju f'Ruma. Dawn iż-żewġ lunetti ispiraw żewġ pitturi li nsibu fil-Bażilika tan-Nadur, dik tal-martirju ta' San Pietru li nsibu fil-kor, u t-titular. Din il-kappella ta' San Pietru nbniet bl-għajnuna ta' Pietro Rosselli u Aliosia Massa wara l-1662. Tony Terribile, *'Teżori fil-Knejjes Maltin Valletta I'* (PIN 2002) 141.

8 Alexander Bonnici, *In-Nadur Vol. I* (Malta 1984) 178.

9 Ibid 167.

10 Ibid 148.

11 Ibid 138.

12 Ibid 138.

13 Ibid 138.

14 Karm Caruana, *In-Nadur u t-tempju tiegħu monumentali* (Nadur 195) 46.

15 Tony Terribile, *Teżori fil-knejjes Maltin* (PIN 2003) 8-9.

16 Ibid 13.

17 Joseph F. Grima, Enrico Formica, *The Historic Chapels of Malta and Gozo* (Sliema-Malta 2010) 23.

18 Carmerl Cassar, *A Concise History of Malta* (Mireva 2000) 58.

19 Ibid 59.

20 Mario Buhagiar, *St. Paul's shipwreck and early christianity in Malta* (2007) VOL. XCIII No.1 The Catholic Historical Review .

21 Mario Buhagiar, *St. Paul's shipwreck and early christianity in Malta* (2007) VOL. XCIII No.1 The Catholic Historical Review .

22 Otto F.A. Meinardus, *The Cult of St Paul in the Eastern Churches* (2006) The Cult of St Paul in the Christian Churches and in the Maltese Tradition 67.

23 De Soldanis, *Gozo Ancient and Modern Religious and Profane* (Media Centre Publications 1999) 81.

24 Paul George Pisani, The History - A Brief Account (2011) Saint George Gozo's Golden Basilica 11.



Marcello Venusti (1512/5-1579), il-Madonna fil-glorja u San Pietru u San Pawl (1577-78) Musei Capitolini.